



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

10.11.2010

0000/2010

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tqegħid fis-suq ta' bajd minn tīgieg imrobbi f'gaġeġ illegali

**Nicole Sinclair, Mike Nattrass**

Data ta' skadenza: 17.2.2011

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar the marketing of eggs from hens housed in outlawed cages**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi huwa preokkupat li għadd ta' Stati Membri se jonqsu milli jimplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE sad-data mitluba,
  - B. billi huwa preokkupat li l-bajd irħis u l-prodotti tal-bajd irħas minn produtturi fi Stati Membri li jużaw gaġeġ illegali jitqiegħdu fis-suq wara l-1 ta' Jannar 2012, u li dan ikollu impatt ħażin fuq il-produtturi li jużaw il-gaġeġ li jiswew aktar u li jħarsu l-benesseri tal-annimali,
  - C. billi huwa preokkupat li dan il-vantaġġ illegali fir-rigward tal-prezz jipperikola l-avvanzi fil-qasam tal-benesseri tal-annimali,
  - D. billi huwa preokkupat li, sakemm il-liġi ma tiġix infurzata, il-produtturi li jikkonformaw mar-regolamenti tal-UE se jfallu, minħabba ż-żieda fl-ispejjeż biex jikkonformaw ma' din il-leġiżlazzjoni,
    1. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod strett li d-Direttiva tiġi implementata bis-sħiħ sal-1 ta' Jannar 2012 biex ikun evitat kull tagħwiġ tas-suq minħabba l-kompetizzjoni illegali minn produtturi li jibbenefikaw mid-dumping tal-prezzijiet li jorigha min-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli msemmija hawn fuq dwar il-benesseri tal-annimali. Għall-istess raġunijiet, jistieden lill-Kummissjoni taġixxi bla dewmien kontra l-Istati Membri li mhumiex qed jiżguraw il-konformità tal-produzzjoni tagħhom mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1997/74/KE sal-iskadenza imposta mid-Direttiva;
    2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.